MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Numru. 41/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Carmel Magro ta' 37 sena, bin Anthony u Maria nee` Camenzuli, imwieled Pieta`, nhar il-11 ta' Jannar, 1970, residenti fil-fond numru "Il-Qrolla", Triq tax-Xemx u l-Qamar, Fgura u detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 49570M**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputatzzjonijiet kontra l-hawn fuq imsemmi Carmelo Magro li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-23 ta' Gunju, 2007, gewwa Triq l-Imgarr, Xewkija, ghal habta tat-tlieta u kwart ta' wara nofsinhar (1515):

a) volontarjament gharraq il-hwejjeg ta’ George Xerri, liema hsara hija ta’ aktar minn hamsin Lira (Lm50.00), izda anqas minn hames mitt lira (Lm500)

b) talli fl-istess post, data u hin, kiser il-bon ordni u paci pubblika, b’ghajjat, u storbju, kif ukoll dagha u kliem fahxi.

Semghet l-ammisjoni ta’ l-imputat f’dan l-istadju bikri tal-proceduri.

Rat il-kunses ta’ l-Avukat Generali.

Rat d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat, il-Qorti ma tistax hlief li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kif sussegwentament korretti bid-digriet taghha tal-lum stess.

Illi dwar il-piena il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta, iddispjacih ta’ l-akkadut u jidher li dan kien incident uniku. Il-Qorti ghalhekk sejra tiehu in konsiderazzjoni l-patteggjament maghmul mill-partijiet kif jirrizulta fil-verbal ta’ llum stess.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi billi wara li rat l-artikoli 325(b), 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi u bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkommettix reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

Il-Qorti qeghda tordna li kopja ta’ l-atti flimkien mas-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat General fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------